III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

Nru 258A/13/COL

tal-25 ta' Ġunju 2013

biex tiġi aċċettata rikjesta għal deroga bbażata fuq l-Artikolu 6(2)(a) tal-Att imsemmi f'punt 13c fil-Kapitolu I tal-Anness XIII mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (id-*Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluż*i) biex jiġi awtorizzat it-trasport ta' skart perikoluż kif deskritt fl-Artikolu 12 tar-Regolament Norveġiż dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluż Nru 384 tal-1 ta' April 2009 (*Forskrift om landtransport av farlig gods*, "ir-Regolament Norveġiż"), sakemm il-kumpanija tat-trasport għandha konsulent tas-sigurtà tal-ADR; u sakemm dawk li jimmaniġġjaw u jittrasportaw skart perikoluż jattendu taħriġ speċjali qabel ma jkunu awtorizzati jagħmlu hekk

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA,

Wara li kkunsidrat l-Att imsemmi fil-punt 13c fil-Kapitolu I tal-Anness XIII mal-Ftehim ŻEE,

*Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluż*i *(l-Att),*

kif adattata mill-Ftehim ŻEE permezz tal-Protokoll għal dan l-għan,

Wara li ġie kkunsidrat l-Artikolu 9 tal-Att u d-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Permanenti Nri 3/12/SC u 4/12/SC,

Wara li ġiet ikkunsidrata d-Deċiżjoni Nru 88/13/COL tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tas-27 ta' Frar 2013 (Avveniment Nru 661691) biex jiġu sottomessi lill-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA abbozz ta' miżuri li għandhom jittieħdu mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tar-rikjesta Norveġiża, u billi tingħata s-setgħa lill-Membru tal-Kulleġġ kompetenti biex jadotta d-deċiżjoni finali jekk il-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA japprova l-abbozz ta' deċiżjoni unanimament,

Billi:

Il-Gvern Norveġiż, b'ittra lill-Awtorità tas-17 ta' Ottubru 2011 (Avveniment Nru 611939), għamel rikjesta għal erba' derogi kif ukoll għal awtorizzazzjoni għal miżura restrittiva fuq il-bażi tal-Artikoli 6(2)(a) u 5(2) tal-Att. Ir-rikjesta kkjarifikat li d-derogi kkostitwew dispożizzjonijiet kurrenti tal-ordni legali nazzjonali kif stipulat fl-Artikoli 12, 13, 16, 21 u 28 tar-Regolament Norveġiż.

F'komunikazzjoni tal-24 ta' Awwissu 2012, il-Gvern Norveġiż informa l-Awtorità bl-irtirar tiegħu tal-Artikolu 21 tar-Regolament Norveġiż (tagħmir ta' emerġenza pirotekniku) mir-rikjesta għal derogi.

Skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2008/68 u d-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Permanenti Nri 3/12/SC u 4/12/SC, fil-5 ta' Ottubru 2012, l-Awtorità ssottomettiet l-ewwel abbozz ta' miżuri li għandhom jittieħdu quddiem il-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA (minn issa 'l quddiem "il-Kumitat", Avvenimenti Nri 648711 u 643174).

Dan l-abbozz ta' miżuri kien ibbażat fuq rapport tal-valutazzjoni tar-riskju datat l-14 ta' Ġunju 2012 kif ikkummissjonat mill-Awtorità minn Det Norske Veritas (DNV) (Avveniment Nru 640432).

Fit-8 ta' Novembru 2012, il-Kumitat iltaqa' u ddiskuta l-ewwel abbozz ta' miżuri (Avveniment Nru 652659, minuti mil-laqgħa).

Permezz ta' ittra tas-26 ta' Novembru 2012 (Avveniment Nru 654691), il-Gvern Norveġiż irtira l-Artikoli 13 (vettura tal-ajruport bit-tank), 16 (valv ta' sikurezza) u 28 (EX/II/III Unitajiet tat-trasport) mir-rikjesta tiegħu għal derogi, filwaqt li żamm ir-rikjesta tiegħu għal deroga fir-rigward tal-Artikolu 12 (trasport ta' skart perikoluż).

Għaldaqstant, id-deroga li tibqa' rikjesta taħt l-Artikolu 6(2)(a) tal-Att tikkonċerna l-Artikolu 12 tar-Regolament Norveġiż li jawtorizza t-trasport ta' skart perikoluż fin-Norveġja. Din id-dispożizzjoni hija fformulata kif ġej:

"L-Artikolu 12 - Trasport ta' skart perikoluż

1. Meta jkunu qed jiġu trasportati sa 500kg nett ta' oġġetti perikolużi għal kull unita ta' trasport/vagun tal-ferrovija, ikklassifikati bħala skart perikoluż skont ir-regolamenti tal-iskart, ir-rekwiżiti tal-ADR u l-RID għall-ippakkjar, it-tankijiet, l-immarkar, l-ippakkjar imħallat u d-dokumenti tat-trasport biss japplikaw.

2. Meta jingħabar skart likwidu mwassal f'bottijiet, kaxxi, eċċ. jista' jiġi wżat ippakkjar ta' barra bħall-btiti approvata min-NU, IBC riġidu jew ippakkjar kbir. Fdalijiet ta' kolla, żebgħa, soluzzjonijiet tar-reżin jew sustanzi simili f'ippakkjar ta' massimu ta' 10 litri, jistgħu jiġu trasportati fuq palits b'kullari tal-palits, jekk ikun hemm garanzija adegwata kontra t-tnixxija.

3. Skart perikoluż minn unitajiet domestiċi jista' jiġi trasportat f'kaxxi speċjali b'għotjien marbuta b'mod adegwat. Kaxxi bħal dawn jistgħu jiġu mmarkati bħala "Skart Perikoluż". Ir-rekwiżiti fl-ADR/RID fuq ippakkjar imħallat m'għandhomx għalfejn jintlaħqu jekk jittieħdu miżuri suffiċjenti biex jiġu evitati reazzjonijiet perikolużi.

4. Formola ta' dikjarazzjoni skont ir-regolamenti tal-iskart tista' tintuża bħala dokument tat-trasport."

F'dak ir-rigward, l-abbozz ta' miżuri sottomess lill-Kumitat fil-5 ta' Ottubru 2012 kien jipprovdi:

"Ir-rikjesta għal deroga f'relazzjoni mal-Artikolu 12 tar-Regolament Norveġiż li jikkonċerna t-trasport ta' skart perikoluż, għandha tiġi aċċettata sakemm il-kumpanija ta' trasport ikollha konsulent tas-sigurtà tal-ADR, u fejn is-sewwieqa għandhom liċenzja tas-sewqan estiża, klassi C jew klassi D. Għall-bqija, għandha tiġi rifjutata."

Fl-ittra tiegħu tas-26 ta' Novembru 2012, il-Gvern Norveġiż indika dan li ġej:

"L-Artikolu 12 Trasport tal-iskart perikoluż

Il-Gvern Norveġiż isostni r-rikjesta tiegħu lill-Awtorità għal deroga nazzjonali rigward dan l-Artikolu, b'xi aġġustamenti.

In-Norveġja tixtieq tirrimarka li l-liċenjza tas-sewwieqa estiża għas-sewwieqa tal-vetturi (klassi C jew D) mhijiex relevanti għas-sigurtà tat-trasport ta' oġġetti perikolużi.

Id-deroga se tinkludi biss ADR. Barra minn hekk, il-kumpaniji għandu jkollhom konsulent tas-sigurtà tal-ADR/RID. Persuni li jimmaniġġjaw u jittrasportaw skart perikoluż għandhom jattendu t-taħriġ qabel ma jkunu jistgħu jiġu awtorizzati."

Wara rikjesta mill-Awtorità, il-Gvern Norveġiż ipprovda l-kjarifika li ġejja permezz ta' email fit-13 ta' Diċembru 2012 (Avveniment Nru 656664) fir-rigward tal-emendi proposti tiegħu:

"Din il-proposta alternattiva, li tikkonċerna r-rekwiżiti tat-taħriġ, se tkun limitata għat-trasport tat-triq biss, u timplika li s-sewwieqa tal-vetturi li jġorru oġġetti perikolużi ta' skart iridu jiġu mħarrġa:

— Fir-rekwiżiti ġenerali li jirregolaw il-ġarr ta' oġġetti perikolużi ta' skart

— Fit-tipi prinċipali ta' perikli, inkluż l-immarkar u l-ittikkettjar tagħhom

— Fil-miżuri preventivi u ta' sigurtà xierqa għat-tipi differenti ta' perikli

— Fit-tagħbija, il-ħatt, u l-ġarr sigur ta' oġġetti perikolużi ta' skart

— Fl-iskop u l-metodu ta' operat ta' tagħmir tekniku fuq il-vetturi

— Fl-informazzjoni bażika biex jiġi minimizzat iċ-ċans li jseħħ inċident

— Fil-proċeduri ta' rispons ta' emerġenza, inklużi l-miżuri li jistgħu jkunu neċessarji għas-sigurtà tagħhom stess u dik tal-pubbliku u l-ambjent f'każ ta' inċident

— Fl-għarfien tas-sigurtà

Rekords tat-taħriġ tas-sewwieq jinżammu minn min iħaddem u jkunu disponibbli għas-sewwieq jew għall-awtorità kompetenti, meta ssir rikjesta.

Il-kliem eżatt tan-Nru § 12 rivedut għadu mhux ippreparat għal kollox, iżda l-proposta tinkludi s-sustanza tar-Regolament rivedut."

Fis-16 ta' Jannar 2013 (Avveniment 659861), DNV ippreżentat li, fl-opinjoni tagħha il-miżuri ssuġġeriti mill-Gvern Norveġiż dwar taħriġ speċjali għas-sewwieqa jilħaq aktar l-iskop mill-proposta oriġinali ta' DNV għal liċenzja tas-sewqan ta' klassi C jew klassi D.

Fit-18 ta' Jannar 2013 u fl-1 ta' Frar 2013 (Avvenimenti Nru 659983 u Nru 661423), il-Gvern Norveġiż emenda aktar il-proposta tiegħu dwar il-ħtiġijiet ta' taħriġ fit-termini li ġejjin:

"Ir-regolamenti li jirregolaw it-trasport ta' oġetti perikoluży f'mini tat-triq u l-miżuri xierqa ta' mitigazzjoni u azzjonijiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi għal dan it-trasport."

"It-tul tat-taħriġ ikun minimu ta' 6 unitajiet ta' tagħlim. Rekords tat-taħriġ tas-sewwieq irċevut iridu jkunu miżmuma minn min iħaddem u jkunu disponibbli għas-sewwieq jew għall-awtorità kompetenti, meta ssir rikjesta."

Fis-27 ta' Frar 2013, l-Awtorità ddeċidiet li tippreżenta lill-Kumitat abbozz ta' miżuri emendati skont dan biex jittieħdu mill-Awtorità fir-rigward tar-rikjesta tan-Norveġja li fadal għal deroga bbażata fuq l-Artikolu 6 (2)(a) tal-Att dwar it-trasport ta' skart perikoluż (id-Deċiżjoni Nru 88/13/COL); u biex tagħti s-setgħa lill-Membru tal-Kulleġġ kompetenti biex jadotta d-deċiżjoni finali jekk il-Kumitat japprova l-miżuri abbozz unanimament.

Permezz ta' posta elettronika tal-1 u tat-13 ta' Marzu 2013 rispettivament, il-Membri tal-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA unanimament approvaw dan l-abbozz ta' miżuri (Avvenimenti Nri 666005, 665893 u 664435).

Għaldaqstant, l-Awtorità tista' tilqa' r-rikjesta li fadal tan-Norveġja għal deroga bbażata fuq l-Artikolu 6(2)(a) tal-Att.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rikjesta għal deroga, magħmula mill-Artikolu 12 tar-Regolament Norveġiż dwar it-trasport ta' skart perikoluż, ibbażat fuq l-Artikolu 6(2)(a) tal-Att li jistipola li "*Sakemm is-sigurtà mhix kompromessa, Stat Membru jista' jirrikjedi derogi mill-Anness I, Taqsima I.1 …*" jiġifieri l-Anness li jinkludi l-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikoluży bit Triq (il-Ftehim ADR), għandha tkun aċċettata sakemm il-kumpanija tat-trasport ikollha konsulent tas-sigurtà tal-ADR, u sakemm innies li jimmaniġġjaw u jittrasportaw skart perikoluż jattendu taħriġ speċjali qabel ma jkunu awtorizzati jagħmlu dan. ([1])

Sewwieqa ta' vetturi li jġorru skart ta' oġġetti perikoluży ikunu mħarrġa:

— Fir-rekwiżiti ġenerali li jirregolaw il-ġarr ta' oġġetti perikoluży ta' skart

— Fit-tipi prinċipali ta' perikli, inkluż l-immarkar u l-ittikkettjar tagħhom

— Fil-miżuri preventivi u ta' sigurtà xierqa għat-tipi differenti ta' perikli

— Fit-tagħbija, il-ħatt, u l-ġarr sigur ta' oġġetti perikoluży ta' skart

— Fl-iskop u l-metodu ta' operat ta' tagħmir tekniku fuq il-vetturi

— Fl-informazzjoni bażika biex jiġi minimizzat iċ-ċans li jseħħ inċident

— Fil-proċeduri ta' reazzjoni għall-emerġenza, inklużi miżuri li jistgħu jkunu neċessarji għas-sigurtà tagħhom stess u dik tal-pubbliku u l-ambjent f'każ ta' inċident

— Fir-regolamenti li jirregolaw it-trasport ta' oġġetti perikoluży f'mini tat-triq u l-miżuri xierqa ta' mitigazzjoni u azzjonijiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi għal dan it-trasport.

— Fl-għarfien tas-sigurtà

It-tul tat-taħriġ ikun minimu ta' 6 unitajiet ta' tagħlim. Rekords tat-taħriġ tas-sewwieq iridu jkunu miżmuma minn min iħaddem u jkunu disponibbli għas-sewwieq jew għall-awtorità kompetenti, meta ssir rikjesta.

Artikolu 2

Id-deroga stipulata fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni se tiskadi fis-26 ta' Settembru 2015

Artikolu 3

Id-deroga stipulata fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni se tkun ippubblikata fit-taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu skont il-punt 6 tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Norveġja u se tidħol fis-seħħ meta ssir notifika lil dak l-Istat.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija awtentika bl-Ingliż.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2013.

Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA

Sverrir Haukur GUNNLAUGSSON	Xavier LEWIS
Membru tal-Kulleġġ	*Direttur*

([1]) L-Artikolu 12 ma japplikax biss għat-trasport bit-triq.